MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 832/2002

Kawza fil-lista: 28

**Rita Muscat**
**vs**
**Angelo Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-8 ta' April 1984 l-Imgarr (Dok. A), minn liema zwieg il-konjugi Muscat ghandhom tlett ulied minuri, li huma Emanuela sive Liliana ta' 17-il sena (Dok. B), Jacqueline ta' 14-il sena (Dok. C) u Jonathan ta' 12-il sena (Dok. D);

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba li l-konvenut rrenda ruhu hati ta'

adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u ingurji gravi versu l-attrici;

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet flimkien saret impossibli htija esklussiva tal-konvenut, u b' hekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta' Digriet tas-Sekond' Awla numru 1108/2001, hawn anness bhala dokument 'E', permess ta' liema Digriet l-attrici giet appuntata kuratrici ad litem ta' l-imsemmija ulied minuri.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali legali bejn il-kontendenti b' tort uniku tal-konvenut, 'u ghal finijiet ta' l-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha a mensa et thoro;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond Artikolu 55 tal-Kodici Civili;

4. Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti f' zewg porzjonijiet, wiehed li jigi assenjat lill-attrici u wiehed li jigi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fid-dawl ta' l-Artikolu 48 subinciz (1)(c) u ta' l-Artikolu 53 tal-Kodici Civili;

5. Tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha;

6. Tqieghed lill-minuri Emanuela, Jacqueline u Jonathan ahwa Muscat fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

7. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedhom a tenur ta' Artikolu 54 tal-Kodici Civili liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u sussegwentement mill-pensjoni tal-konvenut;

8. Tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tighu elenkati f' Artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili;

9. Tordna lill-konvenut johrog mid-dar konjugali u tawtorizza lill-attrici u uliedha biex ai termini ta' Artikolu 55A tal-Kodici Civili jirrisjedu fid-dar matrimonjali li ggib l-indirizz 43 Triq San Pawl Imgarr.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz tieghu eccepixxa:

1. Hu minnu li l-hajja konjugali tkissret irrimedjabilment minhabba tortijiet ta' l-istess attrici u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Illi di piu, l-ingurji, eccessi, theddid da parti ta' l-attrici fost affarijiet ohra jikkostitwixxu mohqrija li l-esponent ilhu ssofri, tort ta' l-istess attrci bil-konsegwenzi odjerni.

2. Illi d-disposizzjonijiet ikkwotati mill-attrici ghandhom jigu applikati kontra l-istess attur u mhux vice versa.

3. Illi t-talba ta' l-attrici ghall-manteniment ghandha tigi michuda stante li mhux biss l-attrici kapaci tahdem imma hi fil-fatt qed tahdem u xtrat karozza ricentemient kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar, minnu debitament mahlufa;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti, minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li tigi dikjarata minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikoli 38 u 40 tal-kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni personali.

Minn naha tieghu l-konvenut isostni li l-htija ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija attribwibbli lill-attrici in bazi ghal Artikolu 40 tal-kap. precitat. Huwa jopponi ghat-talba taghha ghal manteniment stante li l-attrici kapaci tahdem u ghandha mezzi sufficjenti biex tmanti lilha nnifisha.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta’ April 1984 u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett it-tfal li wiehed minnhom hu minorenni. Illi l-inkwiet bejn il-koppja inqala’ fis-sena 1999 meta l-konvenut beda hbiberija ma’ mara ta’ nazzjonalita’ Awstrijaka. Eventwalment huwa mar joqghod ma’ din mara go post mikri appositament go <<< indirizz >>>. Konsegwenzjali ghal din ir-relazzjoni extra matrimonjali li l-attrici kienet ben konsapevoli taghha, r-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet ddghajjfet serjament bid-diversi litigji bejn il-koppja li fihom il-konvenut irrenda ruhhu hati ta’ sevizzi fil-konfront ta’ martu. Inoltre, il-provi ma jhallu ebda dubbju tar-relazzjoni adultera li l-konvenut kellu mal-habiba tieghu. Din kienet il-vera u l-unika kawza tat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet; u ghal dan jahti unikament u b’ mod lampanti l-konvenut li ma gharafx ir-responsabbilitajiet tieghu bhala ragel mizzewweg u gab daqshekk gwaj, glied u mrar fil-famija tieghu.

Dan premess u kkunsidrat it-talba ta' l-attrici ghas-separazzjoni personali hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-Artikoli 38 u 40 tal-kap.16, u li hati ta' dan huwa esklussivament il-konvenut; filwaqt li l-attrici baqghet tikkombatti mas-sitwazzjoni u fil-frattemp tkompli tiehu hsieb it-tfal taghhom. Il-htija tal-konvenut in kwantu bazata, in parte, fuq l-Artikolu 38 tattira fil-konfront tieghu l-applikazzjoni in toto ta' l-Artikolu 48.

**Kura u Kustodja**
M' ghandux ikun hemm dubbju li l-kura u kustodja tal-minuri Jonathan ghandha tibqa' fdata f' idejn l-attrici li ilha tiehu hsiebu dan iz-zmien kollu, nonostante l-inkwiet li kellha, u nonostante in-nuqqas tal-konvenut li jhallas il-manteniment dovut minnu. Minn naha tieghu, il-konvenut ghandu jkollu access liberu.

**Manteniment**
In propositu l-Qorti tosserva li l-konvenut bhala l-parti hatja tas-separazzjoni personali ghandha tigi kundannata thallas manteniment lill-attrici kemm ghaliha kif ukoll ghal minuri, u dan fl-ammont komplessiv ta' Lm200 fix-xahar, rapprezentanti in kwanut ghal LM150 manteniment ghall-attrici, u l-kumplament manteniment ghall-minuri.

Di piu' tenut kont tal-fatt li fil-mori tal-proceduri huwa kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati li f' diversi okkazzjonijiet huwa kien naqas li jhallas il-manteniment kif ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, hija gustifikata l-applikazzjoni tas-sub incizi [3] u [6] ta' l-Artikolu 54 tal-Kap.16.

**Dar Matrimonjali**
In propositu l-Qorti tikkondividi bis-sih ir-ragunijiet indikati mill-perit legali li jwasslu ghall-konkluzjoni ekwa li l-attrici ghandha tinghata d-dritt li tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut, fil-fond <<< indirizz >>>. Ic-cirkostanzi ta' l-attrici abbinati mal-fatt li kienet hi li kompliet trabbi l-ulied anki fi zminijiet difficli, u l-htija tal-konvenut jiffortifikaw din il-konkluzjoni.  Apparti minnhekk, kif ser jigi spjegat aktar il-quddiem, sehem il-konvenut tad-

dar matrimonjali ser jigi assenjat lill-attrici in sodisfazzjoni u ghas-saldu tal-manteniment fuq stabbilit fit-termini tas-sub inciz [6] ta’ l-Artikolu 54.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi anke in propositu, din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-perit legali, salv dak li ser jinghad dwar l-immobbli. Ghalhekk l-assenjazzjoni ghandha tkun fis-sens li l-attrici ghandha tiehu l-mobbli kollha ezistenti fid-dar matrimonjali biex jintuzaw minnha u minn uliedha, u l-vettura <<< tal-marka ... >>>; il-konvenut minn naha tieghu ghandu jiehu bi proprjeta’ assoluta l-endowment policy, il-vettura <<< tal-marka ... >>>, il-vann <<< tal-marka ... >>>, il-mutur tal-bexx, il-mutur tal-hart, l-ghodda kollha u d-dghajsa, kif ukoll il-mobbli kollha fil-flat ta’ <<< indirizz >>> li jappartjenu lill-komunjoni ta’ l-akkwisti, kif ukoll kull dritt li l-konvenut jista’ jkollu f’dan il-fond.

Inoltre, kull flus li talvolta jirrizultaw ezistenti f’ xi banek ghandhom jinqassmu b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi rigward l-immobbli, il-Qorti tordna li sehem il-konvenut mid-dar konjugali numru <<< indirizz >>> ghandu jigi assenjat lill-attrici fi proprjeta’ assoluta, u dan flimkien ma’ l-arja tal-garage adjacenti. Minn naha l-ohra l-garage adjacenti ghandhu jinbiegh u r-rikavat in kwantu ghal zewg terzi [2/3] jigi assenjat lill-konvenut u r-rimanenti terz [1/3] jigi assenjat lill-attrici. Il-bejgh ghandu jsir bis-subbasta, sakemm il-partijiet ma jifthemux bejniethom li jinbigh fuq is-suq liberu.

L-ispejjez tax-xogholijiet necessarji ghal qsim taz-zewg proprjetajiet, indikati mill-perit tekniku, ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet ugwalment.

**Spejjez**

Illi tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni hija attribwibbli unikament lill-konvenut dana ghandu jbati l-ispejjez kollha tal-proceduri.

Inoltre, l-Qorti ser timponi penali adegwata fuq il-konvenut minhabba d-dewmien fil-proceduri kagunat mill-agir

abusiv tieghu. Di fatti mill-atti jirrizulta li thassru disa' seduti li kellhom jinzammu quddiem il-perit legali minhabba nuqqas da parti tan-naha konvenuta.[1] Barra minnhekk il-konvenut naqas li jhallas sehemu mid-drittijiet tal-perit tekniku, tant li sabiex il-kawza tkun tista' titkompla kellha thallsu l-attrici. Dan l-agir tieghu jikkostitwixxi abbuz tal-procedura gudizzjarja in kwantu mhux biss jikkostitwixxi ksur lampanti u sfaccat ta' ordni tal-Qorti, izda kkaguna dewmien inutili bi pregudizzju ghall-parti l-ohra u hela ta' hin lil din il-Qorti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li taddotta r-rapport tal-perit legali [salv ghal parti li tirrigwarda l-assenjazzjoni tal-proprjeta' immobiljarja], tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija unikament tal-konvenut;

[2] Tilqa' it-tieni talba konsegwenzjali u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha l-konvenut;

[3] Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

[4] Tilqa' r-raba talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq spjegat; u tassenja lill-attrici l-mobbli kollha ezistenti fid-dar matrimonjali biex jintuzaw minnha u minn uliedha, u l-vettura <<< tal-marka ... >>>; il-konvenut minn naha tieghu ghandu jiehu bi proprjeta' assoluta l-endowment policy, il-vettura <<< tal-marka ... >>>, il-vann <<< tal-marka ... >>>, il-mutur tal-bexx, il-mutur tal-hart, l-ghodda kollha u d-dghajsa, kif ukoll il-mobbli kollha fil-flat ta' <<< indirizz >>> li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll kull dritt li l-konvenut jista' jkollu f'dan il-fond.

[1] Seduti: 16 ta' Jannar, 6 u 26 ta' Frar, 26 ta' Marzu, 7 ta' Mejju, 4 ta' Gunju, 16 u 30 ta' Settembru – tas-sena 2003; u tal-11 ta' Frar 2004 [fols.121, 127, 128, 132, 133, 134, 136, 138 u 153]

Inoltre, kull flus li talvolta jirrizultaw ezistenti f’ xi banek ghandhom jinqassmu b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

Rigward il-immobbli, il-Qorti tordna li sehem il-konvenut ta’ nofs indiviz mid-dar konjugali numru <<< indirizz >>> ghandhu jigi assenjat lill-attrici fi proprjeta’ assoluta, u dan flimkien ma’ l-arja tal-garage adjacenti.

Minn naha l-ohra l-garage adjacenti ghandhu jinbigh u r-rikavat in kwantu ghal zewg terzi [2/3] jigi assenjat lill-konvenut u r-rimanenti terz [1/3] jigi assenjat lill-attrici. Il-bejgh ghandu jsir bis-subbasta, sakemm il-partijiet ma jifthemux bejniethom li jinbigh fuq is-suq liberu.

L-ispejjez tax-xogholijiet necessarji ghal qsim taz-zewg proprjetajiet, indikati mill-perit tekniku, ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet ugwalment.

[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li ma ngabux provi in propositu;

[6] Tilqa’ s-sitt talba u tafda lill-attrici l-kura u kustodja tal-minuri Jonathan, bid-dritt tal-access liberu ghal missier;

[7] Tilqa’ s-seba talba u b’ applikazzjoni tas-sub incizi [3] u [6] s-sehem tal-konvenut fid-dar konjugali gie assenjat lill-attrici in sodisfazzjoni u ghas-saldu tal-manteniment kollu arretrat u futur kollu dovut lilha, ghaliha u ghal minuri;

[8] Tilqa’ it-tmien talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-Artikolu 48 in toto;

[9] Tilqa’ d-disa’ talba, u tordna lill-konvenut jizgombra mill-fond matrimojali fi zmien xahar, fit-termini ta l-Artikolu 55A tal-Kap.16

L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut, salv dawk relattivi ghat-talba numru hamsa [5] li ghandha tibqa’ a kairku ta’ l-attrici.

Inoltre, ghar-ragunijiet fuq spjegati, tikkundanna lill-konvenut b’ applikazzjoni tal-para.10 Skeda A Kap.12

sabiex ihallas is-somma ta’ erba’ mitt lira maltin [Lm400] spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti u dan b’ rati ta’ mitt lira fix-xahar dekorribbli mill-ahhar ta’ dan ix-xahar, u bid-dekadenza mill-beneficju tat-terminu f’ kaz li l-konvenut jonqos minn pagament wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------